

I

(Atti leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/1909

tal-4 ta' Diċembru 2018

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni għall-fini ta' monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-arranġamenti dwar l-istokk f'kunsinna kuntrattat

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi żgurat li s-simplifikazzjoni introdotta fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ⁽³⁾ fir-rigward tal-arranġamenti dwar l-istokk f'kunsinna kuntrattat tkun tista' tiġi ssorveljata tajjeb, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istati Membri jkollhom aċċess awtomatizzat għad-data miġbura minn persuni taxxabbli fir-rigward ta' tali transazzjonijiet.
- (2) B'kont meħud tal-fatt li d-dispożizzjonijiet inklużi f'dan ir-Regolament jirriżultaw mill-emendi introdotti mid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/1910 ⁽⁴⁾, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mid-data tal-applikazzjoni ta' dawk l-emendi.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 ⁽⁵⁾ jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) in-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-persuni li wettqu l-provvisti ta' merkanzija u servizzi msemija fil-punt (b) u n-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-persuni li ppreżentaw informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 262(2) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar il-persuni li għandhom numru ta' identifikazzjoni tal-VAT msemmi fil-punt (a);”.

⁽¹⁾ L-Opinjoni tat-3 ta' Lulju 2018 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)..

⁽²⁾ ĠU C 283, 10.8.2018, p. 35.

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/1910 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni ta' ċerti regoli tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri (ara l-paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas- 7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

(2) fil-punt (e), il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) il-valur totali tal-provvisti ta' merkanzija u servizzi msemmija fil-punt (b) mingħand kull persuna msemmija fil-punt (c) lil kull persuna li għandha numru ta' identifikazzjoni tal-VAT maħruġ minn Stat Membru ieħor u, għal kull persuna li ppreżentat informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 262(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tagħha u l-informazzjoni li ppreżentat dwar kull persuna li għandha numru ta' identifikazzjoni tal-VAT maħruġ minn Stat Membru ieħor, bil-kondizzjonijiet li ġejjin:”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER
